MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 48/2010

**Dottor Silvana Zammit bhala mandatarja spejcali tas-socjeta estera MEP S.p.A.**

**Vs**

**De Valier Co Limited.**

Permezz ta’ rikors prezentat fis-26 ta’ Mejju 2010 ir-rikorrenti nomine qeghda titlob:-

a. Dikjarazzjoni li sentenza li nghatat mit-Tribunal ta’ Urbino fis-7 ta’ Novembru 2007 fl-ismijiet MEP S.p.A vs De Valier Co. Limited tikkostitwixxi titoluz ezekuttiv ai fini tal-Artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.
b. Li s-sentenza tigi dikjarata ezegwibbli f’Malta, skond kif jipprovdi r-Regolament tal-Unjoni Ewropeja numru 44/2001.

Il-kumpannija intimata pprezentat risposta fl-4 ta' Gunju 2010 u iddikjarat li:-

1. Ir-regolament EC44/2001 jipprovdi li persuna domiciljata fi Stat Membru, irrispettivament tan-nazzjonalita taghha, ghandha tigi mharrka quddiem il-qrati tal-Istat Membru. Kumpannija hi meqjusa domiciljata fil-post fejn ghandha l-ufficcju registrat, jew l-amministrazzjoni centrali jew post principali tan-negozju taghha.
2. Dik li r-rikorrenti nomine qeghda ssejjah bhala sentenza m'hijiex tali skond ir-Regolament 44/01.
3. Ma saret ebda prova ta' notifika u s-socjeta intimata qatt ma accettat il-gurisdizzjoni tat-Tribunal ta' Urbino.

Ikkunsidrat:-

1. Ir-rikors kien appuntat ghas-seduta tal-21 ta' Gunju 2010. Dakinhar is-socjeta rikorrenti u d-difensur taghha ma deherux wara li fit-18 ta' Gunju 2010 id-difensur taghha pprezenta rikors u talab li jinghata differiment peress li kien ser ikun imsiefer. Il-kawza giet differita ghas-seduta tas-6 ta' Lulju 2010, f'liema seduta ir-rikorrenti nomine u d-difensur taghha regghu naqsu milli jidhru. L-istess gara fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2010 minkejja li fil-verbal tas-seduta tas-6 ta' Lulju 2010 gie dikjarat li *".... jekk jergghu ma jidhrux ghas-seduta li jmiss il-qorti tkun kostretta tiehu provvediment."*. L-agir tar-rikorrenti nomine u d-difensur taghha m'huwiex accettabbli u l-qorti ma tistax tittollerah.

2. Permezz ta' dan il-procediment ir-rikorrenti nomine qeghda taghmel procedura taht ir-Regolament 44/2001 sabiex tigi dikjarazta ezegwibbli dak li qeghda tirreferi ghaliha bhala sentenza li nghatat fis-7 ta' Novembru 2007 mit-Tribunal ta' Urbino, l-Italja. Ir-rikorrenti nomine ma pprezentax certifikati skond Annex V u VI tar-Regolament.

3. Is-socjeta intimata ssostni li l-qorti Taljana ma kellix gurisdizzjoni ghaliex bhala kumpannija domiciljata f'Malta,

kellha tigi mharrka f'Malta. Artikolu numru 2 tar-Regolament 44/2001 jipprovdi li: ***"Subject to this Regulation, persons domiciled in a Member State shall, whatever their nationality, be sued in the courts of that Member State."***. Pero din m'hijiex xi regola assoluta u r-regolament stess jipprovdi ghall-eccezzjonijiet. Hekk per ezempju fil-kaz ta' bejgh ta' oggetti, il-post fejn skond il-kuntratt l-oggetti gew konsenjati jew kellhom jigu kkonsenjati. Iktar minn hekk pero' minn qari tal-provvedimenti tar-Regolament ma jirrizultax li eccezzjoni dwar l-Artikolu 2 tista' tigi sollevata f'dan it-tip ta' procediment. Fil-fatt Artikolu 35(3) tar-Regolament jipprovdi li:- *"Subject to the paragraph 1, the jurisdiction of the court of the Member State of origin* ***may not be reviewed****. The test of public policy referred to in point 1 of Article 34 may not be applied to the rules relating to jurisdiction."*. F'paragrafu 1 l-eccezzjonijiet jirreferu ghal kunflitti ma' *"Sections 3,4, or 6 of Chapter II"* , li m'ghandhomx x'jaqsmu ma' Artikolu 2 ta' Section 1 tar-Regolament.

4. L-unika prova li hemm fl-atti hu dak maghruf bhala ***Decreto Ingiuntivo*** ghas-somma ta' €5,542.35. Digriet li nghata fis-7 ta' Novembru 2007. Din hi procedura specjali li tapplika taht il-ligi ta' procedura Taljana. Ma nghatat l-ebda prova li dan id-digriet gie notifikat lis-socjeta intimata, li skond l-istess digriet kellha terminu ta' hamsin (50) jum min-notifika tieghu sabiex topponih quddiem it-Tribunal ta' Urbino. Inoltre, il-ligi Taljana tikkontempla wkoll li fin-nuqqas ta' notifika ta' digriet fi zmien disghin (90) jum, id-digriet jibqa' ineffikaci (ara Artikolu 644 tal-Kodici ta' Procedura).

Hu evidenti li dan id-digriet m'huwiex decizjoni ezegwibbli sakemm ma jigix notifikat lid-debitur u jghaddi t-terminu stipulat fid-digriet li fih id-debitur ghandu d-dritt li jopponih quddiem it-tribunal kompetenti. Jekk id-digriet, wara li jigi notifikat, ma jigix kontestat mid-debitur fit-terminu legali allura jkun soggett ghall-ezekuzzjoni forzata. F'dan il-kuntest id-digriet jikkwalifika bhala "judgment" li fir-Regolament hu defenit bhala: *"....any judgment given by a*

*court or tribunal of a Member State, whatever the judgment may be called, including a decree, order, decision or writ of execution, as well as the determination of costs or expenses by an officer of the court.”*. Fil-kaz taghna l-qorti, in vista tan-nuqqas ta’ provi li ressqet ir-rikorrenti nomine dwar in-notifika tad-digriet lis-socjeta intimata, ma tistax tikkonkludi li d-dokument a fol. 4 jikkwalifika bhala “judgment”.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tichad it-talba tar-rikorrenti nomine bl-ispejjez kontra taghha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------